MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 56/2006

**Ignatius Licari (I.D. 241744M) fil-kariga tieghu ta' stralcarju ta' Victor Estates Ltd**

**Vs**

**Anthony Grech (I.D. 276972M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit- 23 ta' Jannar 2006, illi l-attur, fil-kariga tieghu ta' stralcarju ta' Victor Estates Ltd., qieghed jitlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Anthony Grech ihallsu s-somma komplessiva ta' elf u tlett mitt Lira Maltin (Lm1,300); in kwantu ghas-somma ta' erba` mitt Lira Maltin (Lm400) rapprezentanti l-kera dovuta mill-konvenut ghall-kirja tal-fond 'Jacqueline', 30, Ghost Street, Hamrun ghall-perjodu bejn Novembru 2003 u Ottubru 2005 liema somma hija dovuta ai termini

ta' kuntratt ta' kera ffirmat mill-partijiet f'Novembru 2003 u in kwantu ghas-somma ta' disa` mitt Liri Maltin (Lm900) rapprezentanti l-kera dovuta minn omm il-konvenut, cioe` Eileen Grech, qua inkwilina tal-imsemmi fond qabel Novembru 2003, liema somma l-konvenut Anthony Grech obbliga ruhu li jhallas u ghalhekk hija dovuta minnhu.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut tal-24 ta' Frar 2006 li permezz taghha huwa eccepixxa:

(1) in linea preliminari, li l-attur ghandu jipprova li attwalment huwa l-istralcarju tas-socjeta` attrici;
(2) illi minn imkien ma jirrizulta illi l-esponenut kien dahal garanti ghal ommu Irene Grech u quindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li jikkoncerna id-Lm900 allegatament dovuti minn ommu;
(3) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anki jekk in pessima ipotesi, b'xi mod jirrizulta li l-istanti kien dahal garanti m'ommu, jekk din il-garanzija ma kinitx wahda solidali, allura wkoll irid jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, peress illi d-debitrici principali mhix citata fil-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppresentata fis-16 ta' Frar 2006, li ssosstitwiet dik ppresentata fil-15 ta' Frar 2006 u li permezz taghha l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma komplessiva ta' hames mija u hmistax il-Liri Maltin (Lm515), stante pagament da parti tal-konvenut fis-somma ta' Lm785 akkont tal-bilanc dovut mill-konvenut ghall-kirja tal-fond "Jacqueline" 30, Ghost Street, Hamrun ghall-perjodu Novembru 2003 u Ottubru 2005, in kwantu ghal Lm770 akkont tal-bilanc dovut minn omm il-konvenut Eileen Grech, ghall-kirja ta' l-istess fond qabel Novembru 2003, liema bilanc il-konvenut obbliga ruhu li jhallas u ghalhekk hu dovut minnhu, b'zamma ferm ta' l-ispejjes u l-imghaxijiet legali.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi l-attur huwa stralcarju tas-socjeta` Victor Estates Limited (DOK IL 1 – fol 16) u kien awtorizza permezz ta' prokura lil Paul Bajada sabiex jidher ghan-nom tieghu (DOK IL 3 – fol 20) sabiex jidher fuq skrittura privata ta' kera f'Novembru 2003 ma' Anthony Grech (DOK IL 2 – fol 17).

Paul Bajada, shareholder tas-socjeta` Victor Estate Limited, xehed (11.12.2006) illi huwa kien awtorizzat jiffirma il-ftehim ta' kera hawn fuq msemmi u ighid ukoll illi dak in-nhar, l-konvenut kien obbliga ruhu li "*jhallasni l-arretrati illi kien hemm tal-mama tieghu*". Jghid ukoll illi tah madwar Lm700 minnhom u li mill-kera li suppost hallas l-istess konvenut kien hallas biss madwar Lm15.

Ikkunsidra ulterjorment illi x-xhieda prodotta mill-attur ma hi b'ebda mod kontradetta u li l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnhu mressqa u t-Tribunal ihoss illi ma jirrizulta xejn mill-process illi ghandu jwassal biex jimmilita` kontra l-provi mressqa mill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, id-dokumenti esebiti u x-xhiedha mressqa, b'ekwita` jikkonkludi u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u hmistax il-Lira Maltin (Lm515), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------